

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Spetsjaliziran nakazatelen sad (il-Bulgarija)  
fl-4 ta' Ġunju 2021 – Proċeduri kriminali kontra DD**

**(Kawża C-347/21)**

(2021/C 338/13)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Qorti tar-rinviju**

Spetsjaliziran nakazatelen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

DD

**Domandi preliminari**

- 1) Id-dritt tal-akkużat li jkun fiżikament preżenti waqt il-proċess skont l-Artikolu 8(1), flimkien mal-Artikolu 10(1) u mal-premessa 44, tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali<sup>(1)</sup>, ikun irrispettat jekk, waqt seduta separata, xhud ikun ġie interrogat fl-assenza tal-akkużat, iżda fejn l-akkużat kellu l-oportunità jinterroga lill-istess xhud fis-seduta sussegwenti u ddikjara li ma kellu ebda mistoqsijiet, jew huwa neċessarju, sabiex jiġi rrispettat id-dritt tal-akkużat li jkun fiżikament preżenti waqt il-proċess tiegħu, li jsir smigħ mill-ġdid inkluż ir-repetizzjoni tal-mistoqsijiet li saru mill-partijiet l-oħra li kienu preżenti fl-ewwel seduta?
- 2) Id-dritt ta' difiża minn avukat skont l-Artikolu 3(1), moqri flimkien mal-Artikolu 12(1), tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà<sup>(2)</sup>, ikun irrispettat jekk, waqt żewġ seduti separati, żewġ xhieda jkunu ġew interrogati fl-assenza tal-avukat, iżda dan l-avukat kellu l-possibbiltà jinterroga liż-żewġ xhieda f'seduta sussegwenti, jew huwa neċessarju, sabiex jiġi rrispettat id-dritt ta' difiża minn avukat, li dawn iż-żewġ smigħ inkwistjoni jinżammu mill-ġdid fl-intier tagħhom, inkluż ir-repetizzjoni tal-mistoqsijiet li saru mill-partijiet l-oħra li kienu preżenti fl-ewwel seduti u li, barra minn hekk, l-avukat li kien assenti fiż-żewġ seduti preċedenti jingħata l-possibbiltà li jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu?

<sup>(1)</sup> ĠU 2016, L 65, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU 2013, L 294, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Spetsjaliziran nakazatelen sad (il-Bulgarija)  
fl-4 ta' Ġunju 2021 – Proċeduri kriminali kontra HYA et**

**(Kawża C-348/21)**

(2021/C 338/14)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Qorti tar-rinviju**

Spetsjaliziran nakazatelen sad

**Partijiet fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

HYA et

**Domandi preliminari**

Huwa konformi mal-Artikolu 8(1), kif ukoll mal-Artikolu 6(1), moqri flimkien mal-premessi 33 u 34 tad-Direttiva 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali <sup>(1)</sup> u l-Artikolu 47(2) tal-Karta, li leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li d-dritt tal-persuna suġġetta għal prosekuzzjoni kriminali, li tkun preżenti waqt il-proċess, ikun irrispettat u l-prosekutur ikun issodisfa b'mod korrett l-obbligu tiegħu li jipprova l-ħtija tal-persuna akkużata jekk, fil-fażi ġudizzjarja tal-proċeduri kriminali, meta minħabba raġunijiet oġġettivi x-xhieda ma jkunux jistgħu jiġu interrogati, jiddaħħlu fil-proċess id-dikjarazzjonijiet magħmula minn dawn ix-xhieda waqt il-fażi preliminari tal-proċeduri kriminali (meta dawn ix-xhieda jkunu ġew interrogati biss mill-prosekuzzjoni u mingħajr il-parteċipazzjoni tad-difiża, iżda quddiem qorti, u meta l-prosekuzzjoni tkun setgħet, sa mill-fażi preliminari, tiggarrantixxi lid-difiża l-possibbiltà li tipparteċipa għall-imsemmi interrogatorju iżda din ma tkunx għamlet dan)?

<sup>(1)</sup> ĠU 2016, L 65, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsjaliziran nakazaten sad (il-Bulgarija)  
fl-4 ta' Ġunju 2021 – Proċeduri kriminali kontra HYA et**

**(Kawża C-349/21)**

(2021/C 338/15)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Qorti tar-rinviju**

Spetsjaliziran nakazaten sad

**Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

HYA et

**Domanda preliminari**

Il-qari flimkien tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(1), tal-Artikolu 5(1) u tal-premessa 11 tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika <sup>(1)</sup> jippermetti prassi tal-qradi nazzjonali fi proċeduri kriminali, li permezz tagħha l-qorti tawtorizza s-sorveljanza, ir-reġistrazzjoni u l-ħażna ta' konversazzjonijiet telefoniċi ta' persuni suspettati permezz ta' mudell ġenerali ta' test imfassal minn qabel li fih huwa sempliċement affermat, mingħajr ebda individwalizzazzjoni, li d-dispożizzjonijiet legali huma osservati?

Fil-każ ta' risposta negattiva, jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-Unjoni, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi interpretata fis-sens li l-informazzjoni rċevuta wara tali awtorizzazzjoni tintuża sabiex tiġi pprovata l-akkuża?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsjaliziran nakazaten sad (il-Bulgarija)  
fl-4 ta' Ġunju 2021 – Proċeduri kriminali**

**(Kawża C-350/21)**

(2021/C 338/16)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Qorti tar-rinviju**

Spetsjaliziran nakazaten sad

**Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali**

Spetsjalizirana prokuratura